**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 9 t'Ottubru 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 79**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 79 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 15 t'Ottubru 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

79.5 Rapporti;

79.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;

79.7 Aġġornament dwar is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18 - Offerti għas-Servizz ta' Tindif u Knis mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;

79.8 Aġġornament dwar it-Trasport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fiż-Żurrieq nhar ta' Ġimgħa;

79.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-79 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 15 t'Ottubru 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

79.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

79.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

79.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

79.2.1 Il-Minuti tat-78 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

79.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

79.2.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li dwar il-ġemellaġġ ma' Luino, fl-Italja, intbagħtet e-mail, biss s'issa għadna ma rċevejna l-ebda risposta.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 79.3, 79.4 u 79.5 jiġu diskussi wara Minuta 79.8 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

79.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

79.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li jiddispjaċih jgħid li ma kien irreġistrat l-ebda żvilupp.

79.6.2 Semma' kif madwar ħmistax ilu saret laqgħa bejn il-kumpanija Taljana li qiegħda tieħu ħsieb il-proġett u l-Perit imqabbad mill-Kunsill Lokali fuq il-proġett, imma minn dakinhar 'il quddiem għadu ma tkompliex ix-

xogħol.

79.6.3 S'issa diġa' ntbagħtet korrispondenza mill-Kunsill Lokali dwar dan id-dewmien u issa ser tintbagħat korrispondenza oħra f'dan ir-rigward.

79.6.4 Suppost il-proġett għandu jkun lest mill-bini sa Lulju tas-sena d-dieħla.

## 79.7 AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – SSC 49/18 – OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' TINDIF U KNIS MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

79.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-irħas offerent m'aċċettax li jieħu dan it-tender f'idejh.

79.7.2 Semma' kif issa diġa' rrifjuta l-offerta tal-Kunsill Lokali permezz tas-sistema ePPS, u allura ser ikollna mmorru għat-tieni offerent li kien hemm f'din is-sejħa.

79.7.3 Qal li issa rridu naraw kif ser nipproċedu, u rridu nitkellmu mal-kuntrattur il-ġdid qabel niffirmaw il-kuntratt.

79.7.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li rridu noqgħodu attenti f'dan l-istadju għaliex il-kuntrattur li jidher li ser jeħodha għandu diversi Kunsilli Lokali oħra u wieħed irid jara kemm ser ilaħħaq jew le max-xogħol.

79.7.5 Is-Sindku wieġeb li l-ewwel niltaqgħu miegħu, imbagħad jekk huwa jaċċetta li jaħdem bil-kundizzjonijiet tal-Kunsill Lokali, allura jibda l-kuntratt hu, imbagħad jekk ma jibdiex jaqdi l-bżonnijiet tal-Kunsill Lokali tagħna joħorġu d-*default notices* u jekk ikun hemm bżonn jitwaqqaf il-kuntratt.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 79.8 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TRASPORT GĦAĊ-ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM FIŻ-ŻURRIEQ NHAR TA' ĠIMGĦA

79.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna talba mill-anzjani tal-Qrendi li jżuru ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fiż-Żurrieq, sabiex jibdew jattendu anke nhar ta' Ġimgħa, apparti t-Tlieta u l-Ħamis.

79.8.2 Qal li saret laqgħa mad-Direttorat fejn ħareġ li nhar ta' Tlieta l-ħlas tat-trasport kien qiegħed jieħu ħsiebu d-Dipartiment, filwaqt li nhar ta' Ħamis il-prezz kien qed jinqasam bejn il-Qrendi u Ħal Safi.

79.8.3 Spjega kif wara li saret il-laqgħa, kien diskuss li t-trasport issa ma jibqax jinqasam kollu ma' Ħal Safi minħabba li dawn mhumiex interessati li l-anzjani tagħhom imorru nhar ta' Ġimgħa.

79.8.4 Għaldaqstant ser nibdew inħallsu €12.50 nhar ta' Ħamis, għaliex in-nofs l-ieħor iħallsuh Ħal Safi, imbagħad il-Ġimgħa nħallsu kollox aħna, jiġifieri s-somma ta' €25.

79.8.5 Dan ifisser li f'ġimgħa waħda ser nibdew inħallsu €37.50 fi trasport għall-anzjani, li s-Sindku qal li dawn jistgħu jittieħdu minn dawk li kienu jitħallsu għall-kors tal-Monasteru.

79.8.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

79.8.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 79.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

79.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li nhar l-Erbgħa 17 t'Ottubru ser nissottomettu l-applikazzjoni għal Miżura 4 – *Green Initiatives*.

79.3.1.1 Qal li din hija Miżura maħruġa mill-GAL Xlokk fi Triq Ħaġar Qim kantuniera ma' Triq il-Panorama.

79.3.1.2 Spjega kif dan il-proġett irid mhux jiġi biss aċċettat mill-GAL Xlokk

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

imma wkoll irid jiġi approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba x-xogħol li ser isir fih.

79.3.1.3 Qal li qegħdin isiru diversi diskussjonijiet mal-ERA, mad-Dipartiment tal-Artijiet, mal-GAL Xlokk u anke mal-Perit tal-Kunsill Lokali.

79.3.1.4 Żied li qegħdin insibu għajnuna mill-MEUSAC sabiex nimlew l-applikazzjoni, u nittamaw li fl-aħħar mill-aħħar din tirnexxi.

79.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-ħlas li sar minn żviluppatur partikolari lill-kumpanija Agius Stone Works Ltd.

79.3.2.1 Qal li l-*bass relief* ġie restawrat u anke l-*pillar* sar f'Misraħ il-Maqluba u l-Kunsill Lokali jista' jikkonferma li x-xogħol sar sew.

79.3.2.2 Kompla li barra minn hekk irċevejna €1,000 mingħand il-GreenPAK fl-aħħar serata tal-unuri tagħhom, u spjega kif ikun għaqli jekk isiru *planters* madwar ir-*roundabout* li hemm fi Triq Haġar Qim, eżattament wara l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja.

79.3.2.3 Fisser kif tkellimna mal-ELC u qegħdin naraw kif ser nipproċedu dwar dan.

79.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-boċċa li tkissret f'Misraħ il-Maqluba u qal li għalkemm hija ordnata s'issa għadha ma waslitx.

79.3.3.1 Tkellem ukoll dwar l-arblu li hemm fi Triq Rokku Buhagiar u qal li dan jinsab ordnat, imma għandu madwar sitt ġimgħat biex jasal u allura għadna qegħdin nistennew il-wasla tiegħu.

79.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li attenda dwar it-tħawwil, iż-żbir u l-qtugħ tas-siġar, jew aħjar ir-regolamenti u l-liġijiet dwar il-ħarsien tas-siġar.

79.3.4.1 Qal li hemm wisq regolamenti, u hemm bżonn wisq ta' permessi u miżati għal kull applikazzjoni, li tispiċċa taqta' qalbek.

79.3.4.2 Żied li għal kull siġra li titħawwel dawn iridu pjan t'immaniġġjar għal sentejn.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

79.3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-iffirmar tal-*Memorandum of Understanding* dwar it-titjir tal-bżieżaq.

79.3.5.1 Qal li dan l-iffirmar ifisser li fir-raħal tal-Qrendi ma jintużawx bżieżaq bil-*helium*, u anke meta jintużaw il-konfetti, dawn ikunu tal-karti u mhux tal-plastik.

79.3.6 Is-Sindku tkellem dwar it-tnedija ta' *The Maltese Village* u qal li dan sar fi Sqaq il-Parroċċa Nru 1.

79.3.6.1 Qal li dan is-simpożju dwar ir-raħal Malti ser isir nhar is-Sibt li ġej fil-Belt Valletta.

79.3.7 Is-Sindku tkellem dwar parkeġġ li hemm immarkat fi Triq Rokku Buhagiar, eżattament qrib il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija u l-*Hunter's Bar*.

79.3.7.1 Qal li jidher li mhux kulħadd huwa ċert fuq dawn il-parkeġġi, għaliex hemm min qed jgħid li dawn ser ikunu *charging bays* għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku, u kien hemm min qal li hemmhekk ser ikun hemm *car pooling bay*.

79.3.7.2 Spjega kif Kunsill Lokali ġar tagħna infurmana li ser issir waħda minnhom f'Wied iż-Żurrieq, u bagħtna *e-mail* sabiex naraw eżattament x'inhu jiġri.

79.3.7.3 Qal li xi xhur ilu konna mistoqsija sabiex nagħtu l-opinjoni tagħna fejn parkeġġ simili jista' jsir, biss bħala Kunsill Lokali qatt ma semmejna l-bankina li ħdejha sar il-parkeġġ u eventwalment fuqha ser issir iċ-*charging bay*.

79.3.7.4 Il-Viċi Sindku qal li rridu nħarsu wkoll lejn il-festi tal-lokal, għaliex iż-żewġ każini jarmaw l-armar tagħhom fejn saret din il-*parking bay* u din ser toħloq inkonvenjent kbir.

79.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza **Ċir. AKL 2018/119 – Laqgħa Plenarja Straordinarja 27/10/18** u ħeġġeġ lill-Kunsillieri kollha sabiex jattendu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

79.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***MOC Sports Awards 2018* – kategorija Kunsilli Lokali** u qal li rridu naraw jekk nistgħux napplikaw għal dan l-unur.

## 79.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

79.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk it-tabella bl-informazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena tistax tinbidel.

79.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li dawn ser jinbidlu kollha u ser toħroġ miżura partikolari fuq hekk.

79.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq Filippu Zammit u qal li hemm biċċa li niżlet ħafna u saħansitra nqala' t-tarmak u issa kollox ġie żrar.

79.4.2.1 Is-Sindku wieġeb qal li ser jiċċekkja fuqha u nerġgħu nitkellmu.

## 79.5 RAPPORTI

79.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li dwar il-mawra ta' Sqallija kellha titħassar minħabba l-maltemp qawwi u jkun għaqli li għalissa ma ssirx minħabba t-temp.

79.5.2 Tkellem ukoll dwar il-Buffet Breakfast li ser isir fl-20 ta' Novembru 2018 u bħalissa qegħdin jittieħdu l-*bookings.*

## 79.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

79.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €29,303.80 skont

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/18 u €85.66 skont il-*Petty Cash* Ref V/10.

79.9.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

79.9.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

79.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 79.10 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

79.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |